MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2667/2002

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Francis Sacco**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ Novembru 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm560.18 (hames mija u sittin lira Maltin u tmintax-il centezmu) dovuti ghall-spejjez mhallsa mil-Awtorita` attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Billi fl-14 ta’ Lulju 1998 l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar , gia Awtorita` ta’ l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq numru ECF/824/98/ENMU/NENF kopja hawn annessa u markata bhala Dok IJS1, f’isem il-konvenut.

Peress illi Awtorita` attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita` attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal hames mija u sittin lira Maltin l tmintax il-centezmu (Lm560.18), u dan kif jidher mill-annessa Invoince no. 1277 datata 16 ta' Frar 2000 markata bhala Dok. IJS2.

U billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa` inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux;
Jikkundannah ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm560.18) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Il-konvenut ma giex debitament notifikat bl-enforcement notice hekk kif rikjest mill-ligi.
2. It-twaqqiegh li sar, sar ta' store wiehed biss, b'saqaf temporanju, ta' 15-il metru kubu u illi minn dan l-store twaqqaw biss zewg terzi.
3. Il-gaffa li ngabet kienet eccessivament kbira ghal dak it-tip ta' xoghol u infatti din l-istess gaffa li ngabet ma setghux joperawha fiz-zona fejn kellu jsir it-twaqqiegh u l-ghodda, (lieva tal-hadid) li effettivament intuzat ghat-twaqqiegh propju, ipprovdija l-konvenut stess u dan nonostante illi l-ufficjal ta' l-awtorita` kienu jafu iz-zona tat-twaqqiegh kif kienet.
4. Fuq il-post, fil-gurnata tat-twaqqiegh ingabu tliet kontistabbli, tliet surgenti u spettur li certament ma kienux mehtiega tenut kont ta' l-imgieba u kondotta tal-konvenut kif ukoll minhabba n-natura tat-twaqqiegh li kellu jsir.

5. Salvi ecezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u l-ispejjes kontra l-awtorita` attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kontestazzjoni principali fil-kawza odjerna tirrigwardja l-ammont reklamat mill-Awtorita` attrici. Jinghad li kieku l-konvenut qabad u ghamel id-demolizzjoni huwa stess, kieku ma kienx jasal f'dan l-istadju.

Qed jirreklama fuq l-ispiza allegament maghmula mill-atturi. L-azzjoni attrici ma kienitx wahda relattiva ghar-risarciment tal-ispejjes minnha maghmula biex jaffettwa id-demolizzjoni. F'dan s-sens, ma kienx applikabbli l-principji ghalhekk tal-minimazzjoni tad-danni. Pero` hawn si tratta ta' ragonevolezza fl-infiq a dak li kien ragionevolment biex jigi esegwit ix-xoghol. Id-dokument a fol 21 prezentat fl-20 ta' Mejju 2003 u x-xhieda ta' Joseph Aguis fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2003 a fol 25, Francis Aguis fit-3 ta' Lulju 2003 a fol 37 huwa lampanti.

Illi t-Tribunal ma jistax jiccensura lil Awtorita` talli kellha maghha forza ta' erba (4) Pulizija u tlettax (13)-il haddiem inkluz il-makkinarju necessarju biex isir ix-xoghol. Huwa ovvju li tuzufruwixxi mill-apparat necessarju biex taghmel xejn komdu u/jew felici u/jew inaspettabbli f'cirkostanzi li jistu jkunu antipatici.

Jigi ripetut li sitwazzjoni simili hija facilment evitabbli li kieku tinbidel il-kultura oltre l-fatt li wara jigi lamentat il-kont. Dak li ma jaqbilx mieghu t-Tribunal huwa l-kont tal-haddiema tal-Works Department. In konfrontazzjoni a fol 29 Joe Aguis xehed li ghalkemm domna erba` sighat biss bin-nies tal-Gvern pero` jithallsu ta' gurnata shiha ghax dan il-ftehim li hemm mad-dipartiment u dak in-nhar ix-xoghol diga kellhom. Pero` il-pulizija ghaliex le? Dawn thallsu hin tas-sieghat li pprestaw fuq il-post tax-xoghol. Ghaliex il-haddiema l-ohra? L-awtorita` hija libera li tilhaqq kull ftehim ma min trid izda mhux a skansitu tac-cittadini. Tenut a kont li l-haddiema tal-gvern jahdmu u jithallsu ta' tmien (8) sieghat xoghol kull gurnata, u dakinhar tax-

xoghol hadu biss erba (4) sieghat, allura dan l-ammont ghandhu jigu konfermat.

Il-kontijiet l-ohra qed jigu akkordati allura ghandhom jitnaqqsu s-somma ta’ Lm186.87 cioe` nofs l-ammont Lm162.50 u Lm24.37 VAT.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm373.31, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut f’dan is-sens, u jikkundannah ihallas b’kollox is-somma ta’ Lm373.31 bl-interessi mis-6 ta’ Novembru 2002 u l-ispejjes kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------